Dun Karm Decelis twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' April 1805. Il-ġenituri tiegħu kienu nies twajba u kemm lilu kif ukoll lil ħutu, Vinċenz u Rożi, tawhom edukazzjoni u trobbija tassew nisranija. Kien mingħandhom li ċ-ċkejken Karmenu ħa eżempju tassew tajjeb, u tgħallem min hu Ġesù.

Meta sar żagħżugħ Karmenu ħass li Ġesù kien qiegħed isejjaħlu biex isir Qassis. Għalhekk daħal is-Seminarju. Fis-Seminarju għamel minn kollox biex ikun imħejji tajjeb. Kien jaf li s-sejħa li Ġesù kien għamillu kienet sejħa ħierġa mill-imħabba u għalhekk għamel minn kollox biex ipatti għal din l-imħabba.

Wara li ġie ordnat saċerdot Dun Karm beda l-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. Mill-ewwel intefa' b'ruħu u b'ġismu għax-xogħol - ried li t-tagħlim ta' Ġesù jasal għand kulħadd. Il-ħeġġa tiegħu kienet hekk kbira li mill-appostolat ma kien jistrieħ qatt. Issa jgħid kelma ta' faraġ, issa jqarar, issa jamministra s-sagramenti, issa jgħallem id-duttrina lit-tfal, issa ħaġa u issa oħra. Kien jagħmel elf ħaġa u f'moħħu dejjem kellu ħaġa waħda: il-Glorja ta' Alla u l-ġid tal-proxxmu.

Dan il-qassis kien bniedem ta' għaqda kbira ma' Alla. Kien igħaddi ħin twil jitkellem ma'

# DUN KARM DECELIS
## Ħadem bla Heda

Ġesù u dak kollu li kien jagħmel kien jagħmlu mill-imħabba li kellu lejh.

Il-kelmiet ta' Ġesù, "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien", kien jafhom tajjeb u kien jagħmilhom fil-prattika. Kellu rispett kbir lejn is-superjuri tiegħu u kemm bi kliemu kif ukoll b'egħmilu kien joqgħod attent li ma jonqos lil ħadd. Kien iħobb lil kulħadd u għal dawk li kienu fil-bżonn kellu mħabba speċjali. Jingħad li f'daru kien rabba' żewġ subien ta' ġenituri foqra.

It-tbissima ma kienet tonqos qatt minn fuq wiċċu u dan kien sinjal li f'qalbu kellu paċi kbira - paċi li jagħti biss Ġesù. Minħabba li kien juża ħlewwa kbira ma' kulħadd kienu ħafna dawk in-nies li kienu jinġibdu lejh.

Fis-sena 1865 Malta inħakmet minn marda kerha: il-kolera. Kienet marda li tittieħed u li f'dak iż-żmien ftit kienu jafu kif ifejquha jew jikkontrollawha. Minħabba li biha ħafna kienu jmutu, in-nies kienu saħansitra jibżgħu joħorġu barra. Minkejja dan il-periklu Dun Karm xorta waħda baqa' jaqdi dmiru: iżur lill-morda u jagħtihom l-aħħar sagramenti.

Ġara li waħda mis-sefturi tagħhom mardet ukoll. Dun Karm id-



dispjaċih ħafna u flimkien ma' oħtu dar biha kemm felaħ. Meta raw li kollox kien għalxejn, fuq ix-xewqa tagħha stess, iddeċidew li joħduha għand niesha biex tmut hemm. Kien Dun Karm stess li għabbiha fil-kaless tagħhom u wassalha.

Kif waslu lura d-dar, Dun Karm ħassu ma jiflaħx. Kien ittieħed mill-marda hu stess! Għalih kienet siegħa ta' tbatija imma kien lest, li jieħu kollox bil-ferħ u bl-imħabba. Miet fost l-uġigħ tlett ijiem wara fit-18 ta' Awissu. Ftit qabel ma miet talab lil ħuħ iniżżlu minn fuq is-sodda biex imut bħal Ġesù, mingħajr kumdità.

Dun Karm kien bniedem li ħabb 'il-proxxmu tiegħu u baqa' jħobbu sa l-aħħar. Jalla l-eżempju tiegħu ma jmut qatt.